MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2007

Numru 8/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Atanas Paskalev Dimitrov**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2005 kontra l-akkuzat Atanas Paskalev Dimitrov, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Ewwel Kap talli bejn Ottubru u Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), Atanas Paskalev Dimitrov kien gej u sejjer Malta minn barra bi skopijiet ta' dhul u traffikar ta' droga f'Malta.

F'dan il-perjodu huwa kien ghamel konoxxenza ma' certu Camel li kien jinsab gewwa Istanbul, it-Turkija. Kien dan Camel li kien qieghed jibghat lil Dimitrov hawn Malta sabiex idahhal id-droga hawn u jghaddiha lil terzi persuni hawn Malta ukoll. Dimitrov kien accetta li jaghmel dan

kollu, u tal-istess huwa kien ghal aktar minn darba rceva kumpens u korrisspettiv mill-istess Camel.

Lejliet il-Milied tal-imsemmija sena 2003, Dimitrov kien dahal Malta ghal darb'ohra bil-ghan li jimporta d-droga w jghaddiha lil terza persuna l-ghada ta' dak il-Milied, meta kellu jiltaqa' ma' persuna mhux identifikata gewwa l-Imdina, r-Rabat. Ta' din il-bicca xoghol, Dimitrov kien irceva cirka seba mitt Dollaru Amerikan minghand Camel biex ikopru l-ispejjez tal-ivvjagar, u cirka elf Dollaru Amerikan bhala kumpens ta' din l-operazzjoni ta' importazzjoni ta' droga f'Malta.

Fortunatament, meta Paskalev Dimitrov gie biex idahhal id-droga hawn Malta, kif jigi elaborat ahjar fit-tieni kap hawn taht imsemmi, nqabad fil-fatt mill-Pulizija Maltija biex b'hekk din l-assocjazzjoni ta' bejnu u Camel fl-importazzjoni u traffikar tad-droga giet sfrattata w intemmet fix-xejn.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov sar hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegh jew jittraffika medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull

flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi, kif gja' allegat taht l-Ewwel Kap hawn fuq imsemmi, parti mill-mezzi kkumbinati bejn Atanas Paskalev Dimitrov u Camel fl-assocjazzjoni ta' bejniethom fl-importazzjoni w traffikar tad-droga, kienet tikkonsisti filli l-istess Atanas Paskalev Dimitrov jitla' t-Turkija, jiltaqa' mal-istess Camel, jiehu d-droga minn ghandu w jissokta biex materjalment idahhalha f'Malta.

Effettivament, bejn Novembru u Dicembru tas-sena 2003, it-tnejn li huma ltaqghu darbtejn gewwa Istanbul, Turkija. Hemmhekk, Atanas Paskalev Dimitrov, bi ftehim u bl-ghajnuna ta' Camel, bela' kwantita' ta' herojina f'cirka mija w ghaxar kapsuli fl-istonku tieghu.

Nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru, 2003, Atans Paskalev Dimitrov qabad it-titjira ghal Malta minn Istanbul, via Frankfurt. Hekk kif wasal Malta dakinhar, huwa sab lill-Pulizija Maltija flimkien ma' ufficjali tad-Dwana jistennewh sabiex jaghmlulhu tfittxija peress li l-istess Awtoritajiet Maltin kellhom ga' informazzjoni anonima li persuna fuq dik it-titjira kienet sejra ddahhal kwantita' konsiderevoli tal-medicina perikoluza herojina f'Malta.

Minn tfittxija li saritlu fuqu, Atanas Paskalev Dimitrov instab li kellu u li kien dahhal f'Malta kwantita' kbira ta' herojina fil-kapsuli gewwa l-istonku tieghu. Huwa kien ga' ghamel hekk darb'ohra fl-erbgha w ghoxrin ta' Novembru tal-istess sena 2003, meta kien importa f'Malta kwantita' ta' herojina f'cirka hamsa w erbghin kapsula mohbija gewwa l-istonku tieghu.

Illi ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov sar hati talli importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov, hati talli mporta, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluz (herojina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Talab sabiex jitmexxa l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 18, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

3) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap, illi kif ga’ nghad fil-kap precedenti, Atanas Pasalev Dimitrov kien irnexxielu, nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Novembru, 2003 idahhal klandestinament u b’mod illegali f’Malta, kwantita’ ta’ herojina mohbija f’numru ta’ kapsuli gewwa l-istonku tieghu. Dakinhar, huwa kien irnexxielu johrog bihom minn gewwa l-ajruport Internazzjonali ta’ Malta minghajr ma nqabad mill-Pulizija jew mill-Ufficjali tad-Dwana.

Meta rnexxielu jaghmel hekk, huwa, kif miftiehem ma’ haddiehor, kien ipproceda sabiex jiltaqa’ ma’ persuna ohra f’Malta w hemmhekk jghaddilha dawn il-kapsuli mimlija bl-herojina. Ta’ din il-bicca xoghol, huwa kien gie mhallas l-ispejjez tal-ivvjagar u akkomodazzjoni, kif ukoll kien irceva ammont ta’ flus f’kumpens.

Id-droga herojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov la kellu licenzja mill-President ta’ Malta ghall-eghmil tieghu w anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Atanas Paskalev Dimitrov ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-ordinanza msemmija w ma kellux licenzja w anqas kien xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Atanas Paskalev Dimitrov ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b’ eghmilu, l-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jfforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess

ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifiata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10, 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-artikoli 17(b), 18, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

4) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba Kap, illi dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta' Novembru u tal-erbgha w ghoxrin ta' Dicembru tal-istess sena 2003, gewwa l-Imdina, r-Rabat u gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta'

Malta, appena wasal Malta mit-Turkija w in segwitu ghal tfittxija li l-Awtoritazjiet Maltin ghamlu fuq persuntu, Atanas Paskalev Dimitrov instab xjentement fil-pussess ta' kwantita' konsiderevoli ta' herojina, b'purita' pjuttost gholja, li kienu mohbija f'kapsuli li huwa kien bela gewwa l-istonku tieghu. Tali kwantita' ta' droga kellha valur potenzjali minimu, fis-suq lokali klandestin, ta' eluf kbar ta' liri Maltin.

Atanas Paskalev Dimitrov ma kienx xi bniedem li qatt abbuza minn xi droga ossia medicina perikoluza, wisq inqas mill-herojina. Huwa lanqas ma kellu l-hsieb li mal-ewwel opportunita' li jkollu jiddikjara l-pussess tieghu tal-herojina lill-Awtorita' Doganali Maltija u/jew li jaghti f'idejhom l-istess medicina perikoluza.

Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov ma kellux awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-ordinanza msemmija w ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu. Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess Atanas Paskalev Dimitrov ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ka kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.

292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Atanas Paskalev Dimitrov, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina, li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii),

22(2)(b)(I) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 18, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat, inkluz li l-akkuzat jigi ddikjarat bhala mmigrant ipprojbit u li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat tas-7 ta' Frar, 2007 li bih, wara li ddikjaraw li kienu qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu li din il-Qorti, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Atanas Paskalev Dimitrov ghall-akkuzi migjuba kontrieh, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghall-periodu ta' tnax (12) il-sena w multa ta' ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000), oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta' htija ai termini tad-dizpozizzjoniijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101), inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli w immobbli ta' l-istess akkuzat.

Rat in-Nota tal-akkuzat tas-7 ta' Frar, 2007 li biha informa lil din il-Qorti li hu kien ser jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-att ta' l-akkuza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Atanas Paskalev Dimitrov hati talli :-

1) Bejn Ottubru w Dicembru tas-sena 2003, assocja ruhu ma’ persuni ohra f’Malta w ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina w droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2) Fl-24 ta’ Novembru 2003 u fl-24 ta’ Dicembru, 2003, importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi mportata medicina perikoluza (herojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe’ meta ma kellux licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta’ dak l-oggett; b’dan, li r-reat sar b’diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;
3) fl-24 ta’ Novembru, 2003, f’ Malta, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija w minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; u dan skond it-tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.
4) fl-24 ta’ Novembru 2003 u fl-24 ta’ Dicembru, 2003, gewwa l-Imdina, r-Rabat, u gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond

id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Rat il-verbal tal-istess seduta li permezz tieghu l-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li r-reati ndikat fl-Ewwel u t-tieni Kapi tal-Att ta' l-Akkuza u cioe' dawk t' assoccjazzjoni w importazzjoni rispettivament, ghall-fini tal-piena, ghandhom jigu assorbiti fir-reati taht it-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza w cioe' dak ta' traffikar u dak taht ir-raba' kap ta' pussess mhux ghall-uzu esklussiv tieghu, billi servew biex setghu jigu kommessi dawn l-ahhar zewg reati skond l-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata seduta stante mid-difiza

Ikkonsidrat

Illi skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f' kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas

minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

U peress li din il-Qorti, wara li qieset il-fatturi kollha rilevanti ghall-erogazzjoni tal-piena, komprizi l-ammont tad-droga importata, r-reat kontinwat, l-ammissjoni bikrija tal-hati, l-fedina penali precedenti tieghu f’ Malta w c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors konguntiv tal-Prosekuzzjoni w tal-hati jaghmluhom legittimu li hija timponi f’dan il-kaz u ghalhekk ma ghandhiex tordna li jitkompla li jsir il-guri, u wara li spjegat lill-hati bi kliem car x’ inhuma l-konsegwenzi tat-talba tieghu, w wara li qieset l-ammissjoni tal-hati kif fuq intqal, issa qed taghti s-sentenza indikata lilha mill-partijiet u fuq talba taghhom a tenur tal-artikolu 453A (2) tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 17 (b)u(h), 18, 20, 22, 23, 31, 453A u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Atanas Paskalev Dimitrov ghall-piena ta’ tnax (12) il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta’ ghoxrin elf lira Maltin (LM20,000), li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax il-jum mill-lum jigu konvertiti minnufieh u awtomatikament fi tmintax (18) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ tlitt mija w disa’ u erbghin lira Maltin, (LM349.00c.) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati ;

Tiddikjara wkoll lill-hati bhala immigrant ipprojbit u ghalhekk tordna li jinhareg ordni ta' tnehhija kontra tieghu skond l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, pero' dana jkun effettiv wara li jiskonta l-piena kollha karcerarja w wara li jhallas il-multa msemmija jew, f' kaz li din jew parti minnha tigi konvertita f' terminu ulterjuri ta' prigunerija, wara li hu jkun skonta wkoll dak it-terminu ta' prigunerija ulterjuri.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti , li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------